FORZI ARMATI TA' MALTA

**Sejħa għall-ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)**

*Suldat Regolari, Suldat Regolari bi sfond tekniku u Suldat Regolari bi sfond mużikali*

1. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Forzi Armati ta' Malta (FAM) jistiednu l-applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' suldati sabiex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

**2. Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà**

2.1 Rekwiżiti Ġenerali

L-applikanti:

a. għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b. għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sal-31 ta' Diċembru, 2026, u ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena sat-30 ta' April, 2027;

c. għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d. għandhom ikunu kapaċi jgħumu;

e. għandhom ikunu twal tal-anqas: 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa, u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

f. m'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ, l-għonq u kwalunkwe parti tal-id, jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq kwalunkwe parti tal-ġisem;

2.2 Kwalifiki Meħtieġa (suġġetti ewlenin)

L-applikanti għandhom jissodisfaw mill-inqas WAĦDA minn dawn li ġejjin għal kull suġġett, jiġifieri l-Malti, il-Lingwa Ingliża, u l-Matematika:

a. ikollhom ċertifikati f'Livell 2 tal-MQF, jiġifieri:

i. jiksbu minimu ta' Grad 7 fil-każ ta' eżamijiet taċ-ĊES (SEC); jew

ii. jiksbu minimu ta' Grad E jew 3 fil-każ ta' eżamijiet ta' Edexcel (London); jew

iii. jiksbu 'pass' fis-suġġett/i rekwiżit/i fil-Keyskills Certificate bħala parti minn kwalifika kompluta tal-MCAST, dment li l-livell tas-suġġett/i kkonċernati ikun mill-inqas Livell 2 tal-MQF;

ARMED FORCES OF MALTA

**Call for the enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)**

*Regular Soldier, Regular Soldier with technical background and Regular Soldier with a musical background*

1. The Registrar of Examinations, together with the Armed Forces of Malta (AFM), invites applications for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

**2. Eligibility Requirements**

2.1 General Requirements

Applicants must:

a. be Maltese citizens;

b. be eighteen (18) years of age by 31st December, 2026, but have not reached the age of thirty (30) by 30th April, 2027;

c. be of good moral character;

d. be able to swim;

e. be not less than the minimum height required: 1.57m for males and 1.52m for females, and of acceptable body weight in proportion to height;

f. not sport excessive tattoos, and definitely not on face and neck and any part of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body.

2.2 Required Qualifications (core subjects)

Applicants must satisfy at least ONE of the below for each subject, namely Maltese, English Language, and Mathematics:

a. be in possession of a pass at MQF Level 2, that is:

i. obtain a pass at least at Grade 7 in the case of SEC examinations; or

ii. obtain a pass at least at Grade E or 3 in the case of Edexcel (London) examinations; or

iii. obtain a pass in the required subject/s in the Keyskills Certificate as part of a completed MCAST qualification, provided that the level obtained in the subjects is at least at MQF Level 2;

iv. ċertifikati oħra rikonoxxuti ta' livell komparabbli.

U/JEW

b. ikollhom kwalifika rikonoxxuta mhux inqas minn Livell 2 al-MQF, jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'Livell 2 tal-MQF li ngħata mhux qabel l-2015. Fiż-żewġ każijiet, il-komponenti tal-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għandhom ikunu inklużi bħala core subjects f'Livell 2 tal-MQF;

U/JEW

c. jgħaddu b'suċċess eżami tal-kitba fis-suġġett/i mitluba (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) li jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali bħala parti minn dan il-Proċess tal-Għażla.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq, jiġu aċċettati għal skopijiet ta' eliġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw is-suġġetti mitluba.

Applikanti li kienu għaddew mill-eżamijiet tal-kitba li kienu parti minn sejħiet preċedenti tal-FAM maħruġa għall-ingaġġ ta' suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) mill-2013 'l hawn, ikunu eżentati milli jerġgħu jpoġġu għall-eżamijiet rispettivi.

Il-predictive assessments mis-sessjoni ewlenija tal-MATSEC tal-2020 jiġu aċċettati dment li jindikaw tal-anqas Livell 2 tal-MQF fis-suġġetti rikjesti;

Applikanti li għandhom kwalifiki tal-MCAST u li ngħataw 'Compensatory Pass' jew 'Administrative Pass' f'xi suġġett/i partikolari jkunu meħtieġa jpoġġu għall-eżamijiet tal-kitba korrispondenti, sakemm ma jissodisfawx waħda mill-klawżoli l-oħra fis-suġġett/i kkonċernat/i.

2.3 Rekwiżiti addizzjonali (jekk qed tapplika taħt stream speċifika biss)

a. Suldati Regolari bi sfond tekniku:

għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalifiki msemmija f'taqsima 2.2. hawn fuq, u jkollhom Diploma BTEC/MCAST (Livell 3 tal-MQF jew ogħla) jew kwalifika ekwivalenti rikonoxxuta.

b. Suldati Regolari bi sfond mużikali:

għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalifiki msemmija f'taqsima 2.2. hawn fuq, u jkun mużikalment proficjenti fi strument wieħed jew iktar.

2.4 Dispożizzjonijiet speċjali u prijorità

iv. other recognised certificates at a comparable level.

AND/OR

b. be in possession of a recognised qualification at MQF Level 2, or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 2 awarded not earlier than 2015. In both cases, components in Maltese, English Language and Mathematics must be included as core subjects at MQF Level 2;

AND/OR

c. be successful in a written examination in the required subject/s (Maltese, English Language and Mathematics) conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations as part of this Selection Process.

Qualifications higher than those required will be accepted for eligibility purposes, provided they meet the subject requirements.

Applicants who have passed written examinations forming part of previous AFM calls issued for enlistment of soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) from 2013 onwards will be exempted from sitting for the respective examinations.

Predictive assessments from the 2020 main MATSEC session indicating at least MQF Level 2 in the required subjects will be accepted.

Applicants holding MCAST qualifications who have been awarded a 'Compensatory Pass' or an 'Administrative Pass' in any particular subject/s will be required to sit for the corresponding written examinations, unless they satisfy one of the other clauses in the subject/s in question.

2.3 Additional requirements (only if applying under a specific stream)

a. Regular Soldier with technical background:

must meet the qualifications requirements specified in section 2.2. above, and hold a BTEC/MCAST Diploma (MQF Level 3 or higher) or an equivalent recognised qualification.

b. Regular Soldier with a musical background:

must meet the qualifications requirements specified in section 2.2. above, and be musically proficient in one or more instruments.

2.4 Special provisions and priority

a. Il-FAM jistgħu jikkunsidraw l-ingaġġ ta' applikanti li ma jilħqux ir-rekwiżiti ta' kwalifiki msemmija f'taqsima 2.2. hawn fuq, madankollu dawn ir-rekwiżiti jridu jinkisbu sabiex wieħed ikun jista' javvanza fil-gradi.

b. Persunal li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' kwalifiki msemmija f'taqsima 2.2. hawn fuq, ma jkunx eliġibbli għall-promozzjoni sakemm ma jiksibhomx b'suċċess.

c. Tingħata prijorità lill-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-taqsima 2.2. ta' din is-sejħa.

3. Verifika u Validazzjoni (kwalifiki meħtieġa, ċertifikati u rikonoxximent fejn applikabbli)

L-applikanti għandhom jipprovdu kopji ċari skennjati taċ-ċertifikati u l-paġni kollha tat-traskritti mitluba, inkluża d-dikjarazzjoni tal-Livell MQF fejn applikabbli. Għall-ekwivalenza tal-kwalifiki, irreferi għall-paragrafu 9.4 (a) sa (e).

3.1 Eżami tal-kitba (fejn applikabbli)

a. Din il-parti tapplika biss għal applikanti li ma jissodisfawx il-kwalifiki meħtieġa u li jridu jpoġġu għal eżami/jiet tal-kitba skont ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

L-eżamijiet bil-kitba:

i. jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali;

ii. huma f'format ta' għażla multipla;

iii. għandhom ħin allokat ta' siegħa u nofs għal kull karta.

Kull karta tal-eżami ġġorr massimu ta' 100 marka. Il-pass mark f'kull karta hija ta' 50 marka.

Non-scientific calculators jistgħu jintużaw waqt l-eżami tal-Matematika.

b. Dati:

i. Malti: l-Erbgħa, 9 ta' Settembru, 2026;

ii. Ingliż: il-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2026;

iii. Matematika: il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026

Id-dati huma suġġetti għal tibdil. Il-kandidati jiġu infurmati għaxart (10) ijiem tax-xogħol bil-quddiem mid-data tal-eżami f'kull każ.

c. Eżempji tal-karti tal-eżami u past papers jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/afm-past-papers-marking-schemes/ )

a. The AFM may consider engaging applicants who fail to achieve the qualification requirements specified in section 2.2. above, however these requirements must be obtained in order to progress through the ranks.

b. Personnel who do not meet the qualification requirements specified in section 2.2. above, will not be eligible for promotion until they successfully attain them.

c. Priority shall be given to applicants who meet requirements specified in section 2.2. of this call.

3. Vetting and Verification (required qualification, certificates, recognition where applicable)

Applicants must provide clear scanned copies of all certificates and all pages of transcripts requested, including MQF Level statement where applicable. For equivalence of qualifications, refer to paragraph 9.4 (a) to (e).

3.1 Written Examination (where applicable)

a. This part applies only to applicants who do not meet the required qualifications and must sit for the written exam/s as per eligibility requirements.

The written examinations are:

i. conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations;

ii. in a multiple choice format;

iii. allocated one hour and a half for each paper.

Each paper carries a maximum of 100 marks, whilst the pass mark in each of the papers is 50 marks.

Non-scientific calculators are allowed during the Mathematics examination.

b. Dates:

i. Maltese: Wednesday, 9th September, 2026;

ii. English: Thursday, 10th September, 2026;

iii. Mathematics: Friday, 11th September, 2026

Dates are subject to change. In all cases, however, candidates will be informed ten (10) working days in advance of the date of the examination.

c. Sample examination papers and past papers can be viewed by accessing the following link (https://myexams.gov.mt/afm-past-papers-marking-schemes/ )

d. Is-sillabi tal-eżamijiet tal-kitba jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/)

e. Ir-riżultati tal-eżami/jiet tal-kitba jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika. Jekk jingħata numru tal-mowbajl validu, tintbagħat ukoll notifika SMS bħala kortesija.

f. L-applikanti jistgħu jitolbu reviżjoni tal-karta/i mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tar-riżultati.

Nota importanti: Il-marki miksuba f'din il-parti ma jiġux ikkunsidrati fl-ordni tal-mertu finali.

**4. Il-Proċess tal-Għażla**

IMPORTANTI: Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew ilestu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jitqiesu li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

Applikanti li jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà fi kwalunkwe ħin ma jitħallewx ikomplu u r-riżultati tagħhom jiġu annullati.

4.1 Parti I – Skrutinju (Fedina Penali u Verifika tar-Rekord Kriminali)

a. L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

b. Il-verifika isir skont il-politiki tal-FAM;

c. Il-FAM jirriżervaw d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' kwalunkwe kandidat li jirnexxi, jekk jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabbli, jew jekk ikun ġie mkeċċi mill-FAM jew minn xi forza dixxiplinata oħra.

4.2 Parti II – Test ta' Effiċjenza Fiżika

a. L-applikanti jiġu ċċekkjati għall-għoli biex jiġi żgurat li jissodisfaw l-istandards meħtieġa.

b. Standards minimi:

i. Ġirja ta' mil: irġiel: mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda; nisa: mhux aktar minn 10 minuti u 18-il sekonda

ii. Push-ups (2 minuti): irġiel: minimu 30; nisa: minimu 11

iii. Sit-ups (2 minuti): irġiel: minimu 37; nisa: minimu 35

c. L-applikanti jridu jilħqu l-istandard minimu f'kull parti biex jgħaddu.

d. The syllabi for the written examinations can be viewed by accessing the following link (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/)

e. Results of the written examination/s are sent by email. If a valid mobile number is provided, a courtesy SMS notification is sent.

f. Applicants may request a revision of paper/s not later than five (5) working days from the date of issue of results.

Important note: Marks obtained in this part will not be taken into consideration in the final order of merit.

**4. Selection Process**

IMPORTANT: Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

Applicants found not to fulfil eligibility requirements at any time will not be allowed to proceed and will have their results annulled.

4.1 Part I – Vetting (Fedina Penali and Criminal Record Verification)

a. Applicants must be of good moral character;

b. Vetting will be in accordance with AFM policies;

c. AFM reserves the right to annul the result of any successful candidate if found to have an unacceptable criminal record, or has been dismissed from AFM or any disciplined force.

4.2 Part II – Physical Efficiency Test

a. Applicants will be checked for height to ensure they meet the required standards.

b. Minimum standards:

i. 1 mile run: males: not more than 8 minutes 30 seconds; females: not more than 10 minutes 18 seconds

ii. Push-ups (2 minutes): males: minimum 30; females: minimum 11

iii. Sit-ups (2 minutes): males: minimum 37; females: minimum 35

c. Applicants must attain the minimum standard in each part to pass.

d. Regola ta' re-sit:

L-applikanti li ma jgħaddux minn parti waħda tat-test fiżiku, ikunu jistgħu jerġgħu ipoġġu għal re-sit ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien mhux inqas minn għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test komplut, iżda fil-każ li jgħaddu minn dan ir-re-sit xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 150, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet fiżiċi l-oħra.

4.3 Parti III – Intervista

a. L-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 150 punt minn 300 biex jiġu kkunsidrati aktar.

b. Ir-riżultat huwa finali.

c. Punti għal kwalifiki addizzjonali:

i. Livell 7 tal-MQF: 40 punt għal kull suġġett

ii. Livell 6 tal-MQF: 30 punt għal kull suġġett

iii. Livell 5 tal-MQF: 20 punt għal kull suġġett

iv. Livell 4 tal-MQF: 15-il punt għal kull suġġett

v. Livell 3 tal-MQF: 10 punti għal kull suġġett

vi. Livell 2 tal-MQF: 5 punti għal kull suġġett

Dawn il-punti jingħataw għall-kwalifiki ADDIZZJONALI u mhux għar-rekwiżiti bażiċi u jingħaddu lejn l-Ordni ta' Mertu.

4.4 Parti IV – Test Militari

a. Din il-parti tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ militari u jekk humiex adattati għall-ħajja militari u d-dixxiplina.

b. L-applikanti jridu jattendu numru ta' eżerċizzji ta' natura militari li jinkludu drill bażiku u attivitajiet ta' tim.

c. Din is-sezzjoni hija Pass jew Fail.

d. L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

e. L-applikanti li juru, lejn il-persunal li qed jagħti direzzjoni jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tkun għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

4.5 Parti V – Eżami Mediku

d. Re-sit rule:

Applicants who fail in one feat of the physical test only may re-sit that one event not less than ten (10) days following the first complete test, but in the case they are successful, they will only be entitled to the minimum pass mark of 150 regardless of other scores obtained in the other physical tests.

4.3 Part III – Interview

a. Applicants must obtain a minimum of 150 points out of 300 to be considered further.

b. The result is final.

c. Additional qualifications points:

i. MQF Level 7: 40 points per subject

ii. MQF Level 6: 30 points per subject

iii. MQF Level 5: 20 points per subject

iv. MQF Level 4: 15 points per subject

v. MQF Level 3: 10 points per subject

vi. MQF Level 2: 5 points per subject

These points are given to ADDITIONAL qualifications not the basic requirements and count towards the Order of Merit

4.4 Part IV – Military Test

a. This part gives applicants an indication of army training and whether they are suitable for military life and discipline.

b. Applicants must attend a number of exercises of a military nature which include basic drill and team activities.

c. This section is Pass or Fail

d. Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process.

e. Any behaviour towards directing staff or other applicants that is detrimental to good order and military discipline shall result in failure of the Selection Process.

4.5 Part V – Medical Examination

a. L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b’saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari.

b. Aktar informazzjoni dwar l-istandards hija disponibbli fuq talba formali.

c. Il-valutazzjoni tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM hija finali u konklużiva.

d. L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f’kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern u privat.

e. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista’ tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta’ Malta kif meqjus xieraq.

**5. Ordni ta’ Mertu**

a. Il-vakanzi jimtlew skont l-ordni ta’ mertu finali relatata ma’ din is-sejħa.

b. Il-validità tal-ordni ta’ mertu finali tiskadi wara sitt xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

c. L-ordni ta’ mertu finali tiġi ddeterminata mit-total ta’ punti miksuba kif ġej:

i. Test ta’ Effiċjenza Fiżika: massimu 300, minimu 150

ii. Intervista: massimu 300, minimu 150 (massimu addizzjonali ta’ 100 punt għal kwalifiki addizzjonali, sakemm l-applikant jikseb mill-inqas 150 marka fl-intervista)

d. B’referenza għal paragrafu 3.2, persunal li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta’ kwalifiki msemmija f’taqsima 2.2. hawn fuq, jitqiegħed wara dawk li jissodisfawhom fl-Ordni ta’ Mertu (OOM).

**6. Skeda u Kordinazzjoni tal-Proċess tal-Għażla**

Il-Verifika u l-Validazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-Eżamijiet bil-Kitba jitmexxew mid-Dipartiment tal-Eżamijiet filwaqt li Parti I sa Parti V jitmexxew mill-FAM.

a. Il-Verifika u l-Validazzjoni tal-applikazzjonijiet jitlestew wara d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

b. L-Eżami/jiet tal-Kitba jsir/u kif indikat fil-paragrafu 3.2, b, i, ii u iii.

c. Parti I – Skrutinju tal-FAM issir ladarba l-eżamijiet ikunu ġew konklużi.

a. Applicants will be medically examined to confirm fitness according to Regular Force standards.

b. Further information on standards is available upon formal request.

c. The AFM Medical Officers’ assessment is final and conclusive.

d. Applicants consent to AFM Medical Officers retrieving personal medical records from Government and private hospitals until officially discharged from service.

e. Any irregularity and/or discrepancy may be transmitted to appropriate Officers within AFM.

**5. Order of Merit**

a. Vacancies will be filled according to the final order of merit pertaining to this call.

b. The validity of the final order of merit expires after six months from publication of the final result.

c. The final order of merit is determined by the total points gained as follows:

i. Physical Efficiency Test: max. 300, min. 150

ii. Interview: max. 300, min. 150 (additional max. 100 points for additional qualifications, provided the applicant obtains at least 150 marks in the interview)

d. Reference to para 3.2 personnel who do not meet the qualifications requirements specified in section 2.2. above, will be placed after those who do in the OOM

**6. Selection process Timeline and Coordination**

Vetting and Verification of applications and the Written Examinations are conducted by the Department of Examinations while Part I to Part V of the Selection Process are conducted by the AFM.

a. Vetting and Verification of applications will be completed following the closing date of this call for applications.

b. The Written Examination/s will be conducted as indicated in para 3.2, b, i, ii & iii.

c. Part I – AFM Vetting will take place once the examinations have been concluded.

d. Parti II, Parti III u Parti V flimkien ma' screening mediku preliminari jsiru fl-istess ġurnata lejn l-aħħar ta' Ottubru u Novembru. Kandidati li jirnexxu jintalbu jattendu ġurnata oħra f'Ottubru, Novembru jew Diċembru biex iwettqu Parti V tal-Proċess tal-Għażla.

Il-kors tat-taħriġ bażiku huwa skedat li jibda f'Jannar 2027.

**7. Ingaġġ u Taħriġ**

a. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test Preparatorju ta' Effiċjenza Fiżika qabel jiġu ingaġġati biex jiġi żgurat li jkunu għadhom fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

b. Ikunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames (5) xhur.

c. Rekluti jiġu rilaxxati mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

d. Rekluti li jlestu t-taħriġ b'suċċess jiġu kkonfermati fil-grad ta' Gunner u mqassma fir-Riġmenti skont il-ħtiġiet tas-Servizz.

e. Rekluti li jġarrbu korrimenti waqt it-taħriġ bażiku u li minħabba fihom ma jkunux jistgħux jilħqu l-istandards meħtieġa jiġu rilaxxati mis-servizz.

f. Kull rekluta li jeħel mill-eżamijiet finali ta' reklutaġġ jitqies li ma laħaqx l-istandards meħtieġa u jiġi rilaxxat mis-servizz.

g. Kull rekluta li jaqbeż il-limitu awtorizzat preskritt ta' assenzi jew skużi minħabba kwalunkwe raġuni jitqies li ma laħaqx l-istandards meħtieġa u jiġi rilaxxat mis-servizz.

**8. Progress fil-Karriera**

8.1 Salarju u skali

a. Matul it-taħriġ bażiku, ir-rekluti jitpoġġew fuq skala ta' salarju 16 li fl-2026 hija €17,701.00 fis-sena.

b. Wara t-tlestija b'suċċess tat-taħriġ, jgħaddu għal skala 14 li fl-2026 hija €20,645.00 fis-sena, u sussegwentement għal skala 13 li fl-2026 hija €22,217.00 fis-sena wara sentejn servizz.

8.2 Allowances

Kandidati li jirnexxu jkunu eliġibbli wkoll għal diversi allowances sa massimu ta' €9,693.00, skont il-grad, il-kwalifiki militari miksuba, u t-tip ta' speċjalizzazzjoni.

d. Part II, Part III, and Part IV together with a prelim medical screening will take place on the same day towards the end of October and November. Successful candidates will be asked to attend another day in October, November or December to conduct Part V of the selection process.

The Basic training course is scheduled to commence in January 2027.

**7. Enlistment and Training**

a. Successful candidates must attend a Preparatory Physical Efficiency Test prior enlistment to ensure continued fitness.

b. Selected candidates will be enlisted as Gunner Recruits and required to undergo a basic training course of a maximum duration of five (5) months.

c. Recruits will be discharged if they fail to achieve the required standards.

d. Recruits who successfully complete training will be confirmed in the rank of Gunner and posted according to the exigencies of the Service.

e. Recruits who sustain injuries during basic training and, as a result, are unable to meet the required standards will be discharged from the service.

f. Any recruit who fails the final recruitment examinations shall be considered as not having met the required standards and will be discharged from service.

g. Any recruit who exceeds the prescribed authorised limit of absence of excuses due to any reason shall be considered as not having met the required standards and will be discharged from service.

**8. Career Progression**

8.1 Salary and scales

a. During basic training, recruits are placed on salary scale 16 which in 2026 is equal to €17,701.00 per annum.

b. After successful completion of training, they proceed to scale 14 which in 2026 is equal to €20,645.00 per annum, and subsequently to scale 13 which in 2026 is equal to €22,217.00 per annum after two years of service.

8.2 Allowances

Successful candidates will also be eligible to various allowances up to a maximum of €9,693.00, depending on rank, military qualifications achieved, and type of specialisations.

8.3 Promozzjonijiet

a. Suġġett għad-disponibbiltà ta’ vakanzi u t-twettiq tar-rekwiżiti preskritti għall-promozzjoni, persunal eliġibbli javvanza kif ġej: Gunner għal Skala 13 wara sentejn (2) servizz; Lance Bombardier (Skala 12) wara sentejn (2) oħra; Bombardier (Skala 11) wara tliet (3) snin addizzjonali; Surġent (Skala 10) wara erba’ (4) snin oħra; Staff Sergeant wara tliet (3) snin; Warrant Officer Class 2 (Skala 8) wara tliet (3) snin oħra ta’ servizz; u Warrant Officer Class 1 wara tliet (3) snin addizzjonali.

b. Persunal ingaġġat mingħajr ma jkun issodisfa r-rekwiżiti ta’ kwalifiki msemmija f’taqsima 2.2. hawn fuq, ma jkunx eliġibbli għal promozzjoni sakemm jakkwistahom b’suċċess.

**9. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

9.1 Kif u meta tapplika

a. L-applikanti għandhom l-ewwel japplikaw ir-Records Office, Kwartieri Ġenerali tal-FAM u jħallsu tariffa applikabbli (€5.50) fi flus kontanti sabiex il-fedina penali kompluta tkun disponibbli għall-FAM għal skopijiet ta’ skrutinju.

b. L-applikanti mbagħad għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport (https://edurecruitment.gov.mt) u jimlew l-applikazzjoni hemmhekk.

c. L-applikazzjonijiet jiftħu l-Ġimgħa, 3 ta’ Lulju, 2026

d. L-applikazzjonijiet jgħalqu l-Ġimgħa, 17 ta’ Lulju, 2026

9.2 Dokumenti meħtieġa

a. ritratt bil-kulur tad-daqs tal-passaport li jkun konformi mal-istandards imfasslin minn Identità, li jistgħu jinkisbu minn (https://identita.gov.mt/wp-content/uploads/2023/10/Biometric-photos.pdf);

b. Irċevuta maħruġa mill-FAM għall-ħruġ tal-Fedina Penali (bid-data wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa). Iċ-ċertifikati ta’ kondotta mhumiex aċċettati;

c. Miżata tal-eżami ta’ €9.30 (mhux rifondibbli), imħallas biss online permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ;

d. Kopji skennjati ċari tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u traskritti mitluba inkluż dikjarazzjoni tal-livell tal-MQF fejn applikabbli.

8.3 Promotions

a. Subject to the availability of vacancies and the fulfilment of prescribed promotion requirements, eligible personnel shall progress as follows: Gunner to Salary Scale 13 after two (2) years’ service; Lance Bombardier (Scale 12) after a further two (2) years; Bombardier (Scale 11) after an additional three (3) years; Sergeant (Scale 10) after a further four (4) years; Staff Sergeant after three (3) years; Warrant Officer Class 2 (Scale 8) following a further three (3) years’ service; and Warrant Officer Class 1 after an additional three (3) years.

b. Personnel engaged without meeting the qualifications requirements specified in section 2.2. above will not be eligible for promotions until they successfully attain them.

**9. Submission of Applications**

9.1 How and when to apply

a. Applicants must first apply at Records Office, General Headquarters AFM and pay the applicable fee (€5.50) in cash so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to AFM for vetting purposes.

b. Applicants must then apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education and Sport (https://edurecruitment.gov.mt) and complete the application there.

c. Applications open on Friday, 3rd July, 2026

d. Applications close on Friday, 17th July, 2026

9.2 Documents required

a. a colour passport-sized photograph which must conform to the standards established by Identità, which can be obtained from (https://identita.gov.mt/wp-content/uploads/2023/10/Biometric-photos.pdf);

b. Receipt issued by AFM for the issue of Fedina Penali (dated after publication of the call). Conduct certificates are not accepted;

c. Examination fee of €9.30 (non-refundable), paid only online through the Recruitment Portal;

d. Clear scanned copies of all pages of requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable.

9.3 Verifika tal-oriġinali

Id-dokumenti oriġinali, dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent u/jew ċertifikati għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista (mingħajr eċċezzjoni).

9.4 Ekwivalenza tal-Kwalifiki

a. Rikonoxximent tal-kwalifiki (MQRIC/MFHEA):

Minbarra l-kwalifiki koperti mill-eżenzjonijiet hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) fi ħdan l-MFHEA.

i Id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tinkiseb billi tiġi sottomessa applikazzjoni online.

ii Id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinal għandu jiġi ppreżentat waqt l-intervista.

b. Eżenzjonijiet mid-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-MQRIC:

Ma tkunx meħtieġa dikjarazzjoni ta' rikonoxximent għal:

i Kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li għandhom awtoakkreditazzjoni (inklużi l-Università ta' Malta, MCAST, ITS),

JEW

ii Kwalifiki Maltin akkreditati mill-MFHEA.

c. L-applikanti għandhom jikkonsultaw il-'Lista ta' Fornituri Liċenzjati u Programmi Akkreditati' tal-MFHEA. Jekk il-kwalifika tkun elenkata, l-applikant ikun eżentat milli jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent, iżda għandu jippreżenta kopja stampata tal-lista li turi l-kwalifika.

d. Jekk il-kwalifiki ma jaqgħux taħt l-eżenzjonijiet, l-applikanti jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent. L-applikanti jistgħu xorta japplikaw mingħajrha, iżda jridu jipprovduha malli tkun disponibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data tal-intervista.

e. L-applikanti jistgħu jiġu evalwati proviżorjament waqt li jkunu qed jistennew l-ekwivalenza. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun negattiv jew ma jiġix ippreżentat sad-data tal-intervista, tali kwalifiki ma jiġux ikkunsidrati.

9.5 Applikazzjonijiet tardivi/mhux kompluti

a. L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata minħabba problemi possibbli tal-internet.

9.3 Originals verification

Original documents, recognition statements and/or certificates must be produced during the interview (without exception).

9.4 Equivalence of Qualifications:

a. Recognition of qualifications (MQRIC/MFHEA):

Apart from qualifications covered under exemptions below, applicants are required to produce a recognition statement issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within MFHEA.

i. The recognition statement is obtained by submitting an online application.

ii. The statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b. Exemptions from MQRIC recognition statement:

No recognition statement is required for:

i. Qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions (including University of Malta, MCAST, ITS),

OR

ii. Maltese qualifications accredited by MFHEA.

c. Applicants should consult the 'List of Licensed Providers and Accredited Programmes' of MFHEA. If the qualification is listed, the applicant is exempted from submitting a recognition statement but must present a printed copy of the list showing the qualification.

d. If qualifications are not covered by the exemptions, applicants must submit the recognition statement. Applicants may still apply without it but must provide it as soon as available and in any case by not later than the date of the interview.

e. Applicants may be assessed provisionally while awaiting equivalence. If the equivalence report is negative or not presented by the interview date, such qualifications will not be considered.

9.5 Late/incomplete applications

a. Applicants are strongly advised not to wait until the last day due to possible internet issues.

b. L-applikanti għandhom iżommu l-irċevuta tal-applikazzjoni li jirċievu permezz ta' ittra elettronika bħala prova ta' sottomissjoni. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

c. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) tax-xogħol wara d-data tal-għeluq (jew jumejn (2) tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar) biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**10. Avviżi u Dispożizzjonijiet Ġenerali**

10.1 Kondotta ħażina u irregolaritajiet

a. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM, ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess tal-Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

b. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess tal-Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-Proċess tal-Għażla. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess tal-Għażla.

10.2 Pubblikazzjoni tar-riżultati

Ir-riżultati għall-partijiet rilevanti (Test Fiżiku/Intervista/Test Militari) jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-FAM.

10.3 Aktar informazzjoni

Aktar informazzjoni dwar l-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku uffiċjali tal-FAM.

It-3 ta' Lulju, 2026

AWTORITÀ GĦAS-SIGURTÀ TAL-IKEL

B'din in-notifika l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel (FSSA), fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430) u skont ir-Regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (S.L. 430.08), qed testendi l-validità taċ-ċertifikati kollha tal-utent professjonali tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP) u ċ-ċertifikati tad-distributur li skadew jew li waslu biex jiskadu fit-30 ta' Settembru, 2026 jew qabel.

Għaldaqstant, kwalunkwe ċertifikat tal-utent professjonali tal-PPP jew ċertifikat tad-distributur li jiskadi fit-30 ta' Settembru, 2026 jew qabel, għandu jitqies li jibqa' validu sal-1 ta' Ġunju, 2027.

b. Applicants must keep the application receipt received by email as proof of submission. Late applications will not be considered.

c. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date (or two (2) working days from notification, whichever is later) to submit incorrect/incomplete/missing documents.

**10. Disclaimers and General Provisions**

10.1 Misconduct and irregularities

a. The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

b. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

10.2 Publication of results

Results for relevant parts (Physical Test/Interview/Military Test) will be published on the Official AFM website.

10.3 Further information

Further information on the AFM can be found on the AFM website.

3rd July, 2026

FOOD SAFETY AND SECURITY AUTHORITY

The Food Safety and Security Authority (FSSA) notifies that, in exercise of its functions under the Pesticides Control Act (Cap. 430) and pursuant to Regulation 4(3) of the Sustainable Use of Pesticides Regulations (S.L. 430.08), is extending the validity of all Plant Protection Products (PPP) professional user certificates and distributor certificates which have expired or are due to expire on or before 30th September, 2026.

Accordingly, any such PPP professional user certificates or distributor certificates that expire on or before 30th September, 2026, shall be deemed to remain valid until 1st June, 2027.